MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru 611/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Mary Grace Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mary Grace Borg 34 sena bint Anthony u Mary nee' Attard imwielda fil-Pieta' fis-7 ta' Lulju 1974 u li toqghod fil-fond numru 121

Flat 2 Triq Ghajn Dwieli Paola. Detentrici tal-karta tal-Identita’ bin-numru 303674(m).

Billi giet akkuzata talli fis-6 ta’ Marzu 2008 ghall-habta tat-7.00 ta’ filghaxija fuq-il Fossos tal-Furjana, kkommettiet serq ta’ apparat cellulari tal-marka ‘Nokia’ min fuq-il persuna ta’ Peter Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin.

Fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqat ghanda jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, ndhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok CM3 u nnutat li l-imputata Mary Grace Borg m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni migjuba kontra l-imputata inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputata.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet mghoddija lill-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Mary Grace Borg, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet mghoddija lill-Pulizija, nkwantu ghall-ewwel akkuza tillibera lill-istess imputata Mary Grace Borg taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward it-tieni akkuza, li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-tieni akkuza u kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija tieni akkuza stante li tali tieni akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Mary Grace Borg l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------